MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 845/2011

**Dawn Zammit**
**I.D. 314480**

**Vs**

**Muscat Technology Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2011 fejn l-attrici giet imqabbda sabiex toffri s-servizzi professjonali taghha mis-socjeta' konvenuta lill-istess socjeta' konvenuta.

Illi hija tat is-servizz taghha u konsegwentement harget il-fatturi bin-numri 11-007, 11-008 u 11-011 li izda s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti mill-obbligi taghha.

Illi ta’ dan is-servizz professjonali s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lill-attrici l-ammont ta’ elf tlett mija sitta u tmenin Ewro (€1,386) ammont likwidu cert u li ghalaq.

Illi minkejja li l-attrici baghtet ittra ufficjali lis-socjeta’ konvenuta datata 21 ta’ Lulju, 2011din l-istess ittra ufficjali giet opposta mis-socjeta’ konvenuta.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza

Illi ghaldaqstant l-attrici umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attrici l-ammont ta’ elf tlett mija u sitta u tmenin Ewro (€1,386) flimkien ma’ l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali numru 2959/11 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment flimkien mal-imghaxijiet dekorribli.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata filfatt ghamlet risposta li giet ipprezentata fl-4 ta’ Novembru, 2011 fejn is-socjeta’ konvenuta eccepiet illi qed tirrispingi l-pretenzjonijiet tal-attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante is-segwenti.

Fl-ewwel lok is-servizzi allegatament rezi ma kienux skond l-arti u s-sengha u konsegwentement l-amont mhuwiex dovut.

Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma’ sar l-ebda ftehim ai termini tal-fatturi annessi mal-istess avviz.

Illi t-Tribunal wara li sema’ x-xhieda prodotti mill-attrici u d-dokumenti pprezentati jinnota illi s-socjeta’ konvenuta ma resqed l-ebda prova biex tissostanza dak li eccepiet filwaqt illi l-avukati difensuri taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju u ebda rapprezentant tal-kumpanija ma’ kien ikun prezenti ghas-seduti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra l-kapitlu li gie pprezentat mill-attrici fil-11 ta’ Dicembru, 2012, u filfatt is-socjeta’ konvenuta naqaset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li

tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra. Peress illi s-socjeta' konvenuta la kienet prezenti ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2012, la ghal dik tal-5 ta' Novembru, 2012, la ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum

It-Tribunal jaqta u jiddecidi l-kaz billi, jilqa' t-talba attrici u dan peress illi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elf tlett mija u sitta u tmenin Ewro (€1,386). Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta flimkien mal-ispejjez tal-Ittru Ufficjali numru 2959/11 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------